# JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2000

Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 2 | STUDJI SOĊJALI | ĦIN: SIEGĦA U NOFS |
| --- | --- | --- |

Isem: ________________________________________ Klassi: ____________________

**Taqsima A**

**Imla l-vojt b'dawn il-kliem:**

generation gap, edukazzjoni, avviżi klassifikati, komunikazzjoni, persważiv, obbligatorja, guidance teacher, responsabbli, rappreżentattiv, soċjevoli.

1) Meta l-mezzi ta' _________________________ jintużaw biex jgħidu l-verita' ikun hawn l-għaqda u l-ftehim fid-dinja.

2) Fl-iskola huwa importanti li l-istudenti jkollhom il-kunsill ____________________ tagħhom.

3) Meta l-bniedem jitkellem b'mod li jġiegħlek taqbel miegħu ngħidu li għamel diskors ____________________.

4) Id-differenza fl-ideat ta' bejn iż-żgħażagħ u l-ġenituri tagħhom tissejjaħ ____________________.

5) Għal bejgħ ta' djar fil-gazzetta għandek tfittex fil-paġna ta' l- ________________________.

6) L-iskola bejn il-5 u s-16-il sena hija ______________________ f'pajjiżna biex it-tfal jingħataw l-opportunita' kollha li jitgħallmu.

7) Wieħed li jaf iġib ruħu man-nies jissejjaħ _______________________.

8) Qabel tieħu deċiżjoni dwar il-karriera tiegħek tajjeb li tikkonsulta mal- ______________________.

9) It-tfal kollha għandhom id-dritt għall- ___________________ biex meta jikbru jkunu ċittadini ____________________.

**(10 marki)**

**Taqsima B**

**<u>Qabbel kolonna A mal-B</u>**

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1. | anzjani | | dak li naf li hu tajjeb u ta' ġid għal ħajti. |
| 2. | ġid komuni | | nuqqas ta' qbil. |
| 3. | normi soċjali | | iċ-ċirku ta' ħbieb l-aktar li niltaqa' magħhom. |
| 4. | liberta' | | regoli li għandhom imexxu l-għemil u l-imġiba tiegħi fis-soċjeta'. |
| 5. | opportunita' | | it-tajjeb li jgawdi minnu kulħadd. |
| 6. | festa pubblika | | sitwazzjoni fil-ħajja li tista' tagħmel użu minnha. |
| 7. | konflitt | | ċittadini li taw snin twal ta' servizz lill-pajjiż. |
| 8. | komunikazzjoni | | jum ta' festa għan-nies kollha tal-pajjiż. |
| 9. | peer group | | relazzjoni bejn persuni, bil-kliem jew bil-ġesti. |
| 10. | valuri | | il-kapaċita' li nagħmel dak li hu tajjeb u ta' ġid għalija. |

**(10 marki)**

**Taqsima Ċ**

**<u>Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.</u>**



1) X'tip ta' komunikazzjoni qed juruna dawn l-istampi?

______________________________________________________________(2 marki)

2) Taħseb li din it-tip ta' komunikazzjoni hija effettiva? Għaliex?

______________________________________________________________

______________________________________________________________(3 marki)

3) Biex tifhem trid l-ewwel tisma' sew. Xi tfisser din is-sentenza? Agħti eżempju.

______________________________________________________________

______________________________________________________________(3 marki)

4) Kif tista' titgħallem tifforma opinjoni personali? Semmi tliet affarijiet li jistgħu jgħinuk.

___

___

___(3 marki)

5) Għid għaliex għandek tirrispetta l-opinjoni ta' ħaddieħor?

___

___(3 marki)

6) X'jiġri meta jkun hemm nuqqas ta' komunikazzjoni fil-familja? Taħseb li t-televixin qed ikollu xi ħtija f'dan il-qasam? Agħti eżempji meta dan jista' jseħħ.

___

___

___

___

___(6 marki)

**Total 20 marka**

**Taqsima D**
**<u>Aqra dawn is-sitwazzjonijiet u wieġeb.</u>**

a) John joħroġ ma' erbat iħbieb li jpejpu. Kemm-il darba ħajruh ipejjep, iżda dejjem qal le. Issa tawh għażla jew ipejjep jew jitlaq mill-grupp.

X'deċiżjoni kont tieħu li kieku kont John? Safejn għandek tħalli l-'peer group' jinfluwenzak?

___

___

___

___

___(5 marki)

b) Lydia hija tifla ħabrieka fil-klassi. Ma tantx qed togħġob lit-tfal tal-klassi. Kulħadd qed idur kontriha, imma int se tagħmel bħall-oħrajn? Kif se ġġib ruħek ma' Lydia?

__________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

______________________________________________________(5 marki)

**Total 10 marki**

**Taqsima E**

**<u>Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.</u>**



1) X'qed juruna dawn l-istampi? Meta taħseb li qed isiru dawn l-attivitajiet?

__________________________________________________________

__________________________________________________________

______________________________________________________(3 marki)

2) Fid-dinja mgħaġġla tal-lum, għaliex huwa daqshekk importanti 'l ħin liberu?

__________________________________________________________

______________________________________________________(3 marki)

3) X'effetti għandha l-media fuq il-ħin liberu tagħna?

__________________________________________________________

______________________________________________________(3 marki)

4) Semmi tliet metodi kif nistgħu nagħmlu użu sew mill-ħin liberu.

__________________________________________________________

__________________________________________________________

______________________________________________________(3 marki)

5) Taħseb li t-tfal għandhom jiġu mgħallma kif jagħmlu użu tajjeb mill-ħin liberu? Għaliex?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(3 marki)

6) Nisimgħu b'ħafna żgħażagħ li jqattgħu tmiem il-ġimgħa f'discos. Hemm modi oħra kif dawn iż-żgħażagħ jistgħu jqattgħu l-ħin liberu tagħhom? Agħti eżempji. Biex tqatta' l-ħin liberu trid bilfors tonfoq il-flus?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(5 marki)

7) Ikteb 5 sentenzi kif inti tista' tqatta' l-ħin liberu tiegħek b'mod intelligenti.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(10 marki)

**Total 30 marka**

**Taqsima F**

**<u>Ikteb komponiment fuq wieħed minn dawn:</u>**

a) Kif nista' nuża t-talenti tiegħi bħala servizz lill-oħrajn.

b) Id-drittijiet u d-dmirijiet huma marbuta flimkien. X'taħseb?

ċ) Għaliex huwa importanti fil-ħajja li kull wieħed jifhem lil ħaddieħor?

**(20 marka)**